MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' April, 2003

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u b’mod aktar preciz fi jew ghal habta ta’ 1987 ir-rikorrent kien sofra ingustizzja f’li gie moghti transfer vendikattiv.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent kien beda jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1976 fil-grad ta’ Labourer. Fl-1982, ir-rikorrent kien gie promoss ghall-grad ta’ Supervisor u gie stazzjonat l-isptar St. Vincent de Paule jaghmel xoghol ta’ security.

Illi matul il-perjodu ta’ l-impieg tieghu, ir-rikorrent dejjem ghamel xogholu tajjeb u qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu.  Ftit wara l-elezzjoni, minghajr ebda raguni, ir-rikorrent kien gie trasferit l-ewwel Rahal Gdid, jaghmel

xoghol ta' supervisor fuq il-kenniesa u xi ftit xhur wara kien rega' gie trasferit ghal Haz-Zabbar jaghmel l-istess xoghol u wara xi tlett snin kien gie trasferit Bormla. Illi f'dan il-perjodu li kien Bormla kien ha infection u spicca l-isptar ghal 13-il gimgha.

Illi r-rikorrent kien konvint li dawn l-ingustizzji kienu sarulu b'mottiv politiku peress li huwa kien attiv hafna fil-Malta Labour Party u kien ukoll fil-Kumitat tal-Lokal ta' l-istess partit u kien ukoll jarma l-armar tal-Partit.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu x-xhieda indikati fir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata rimedju xieraq, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi t-transfer li kien inghata lil Francis Cini dan sar skond l-esigenzi tas-Servizz kif ampjament indikat fl-appointment tieghu stess.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li gab is-suespost a formali konjizzjoni tar-rikorrent Francis Cini, talab lil dan it-Tribunal joghogbu jichad bl-ispejjez it-talbiet kif dedotti fir-rikors fuq imsemmi stante li l-pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed u kkonferma l-kontenut tar-rikors. Qal li s-sejha ghal supervisor harget ghall-habta ta' l-1992 u kienet ghad-Dipartiment ta' l-indafa pubblika. Hu applika ghal Supervisor fil-Public Cleansing Service u lehaq. Qal li x-xoghol tieghu bhala supervisor kien li jikkmanda n-nies u jara li x-xoghol fl-indafa kien qed isir sew.

Xehed il-Professur Rizzo Naudi li qal li d-Diparitment tas-Sahha kien jaqa' tahtu bhala Ministeru bejn l-1992 u l-1995. Kompla jghid li ghall-ewwel ma kienx ikollu partecipazzjoni meta jsiru trasferimenti u ma kienx ikun jaf dwarhom. Imbaghad bdiet is-sistema li t-trasferiment ikun iffirmat miz-zewg Parliamentary Secretaries. Qal li hu ma kienx jiddeciedi minn fejn irid jinqala' impjegat u fejn se jitpogga u li probabbilment din id-decizjoni kien jehodha l-head taghhom.

Xehed Lino Mizzi li qal li jaf lir-rikorrent peress li kien jahdem bhala Surveillance Officer f' San Vincenz De Paule. Qal li dwar it-transfer tar-rikorrent ma jaf xejn. Ix-xhud kien Administrator f'San Vincenz. Qal li jekk ikun hemm trasferimenti ta' impjegati li jaqghu tahtu ikun jaf bihom izda fil-kaz tar-rikorrent dan ma kienx jaqa' tahtu ghax kien Security mal-bieb. Ma jafx li kien hemm rapporti kontra r-rikorrent. Ir-rikorrent kien Supervisor imma kien jaghmel xoghol ta' Surveillance Officer.

Xehed Mario Cini iben ir-rikorrent li qal li kien stazzjonat ma' missieru qabel l-1987 f'Has-Serh izda f'Dipartimenti differenti u ma kellhomx supervisors in komuni. Ir-rikorrent dak iz-zmien kien Security. Ma kienx cert jekk ir-rikorrent inghatax raguni ghat-trasferiment tieghu. Kompla jghid li meta gie trasferit ir-rikorrent gie mghallem tal-kenniesa u tilef l-allowances kif ukoll il-Hdud u l-festi. Qal li mbaghad lir-rikorrent qabditu infezzjoni f' saqajh

sforz il-mikrobi u l-hmieg li kien hemm u minhabba f' hekk kellu jigi boarded out.

Xehed Alfred Mallia li bejn l-1987 u l-1995 kien Acting Chief Security Officer u kien fuq is-Secuity Guards kollha. Xoghlu kien jissorvelja s-Security Guards jara li l-imgieba taghhom tkun tajba u jqassmilhom ix-xoghol. Qal li r-rikorrent kien jahdem f'San Vincenz De Paule u kien kuntent kif jezegwi x-xoghol tieghu. Ghalkemm ir-rikorrent kien security kellu l-grad ta' supervisor pero' dan ma jfissirx li kellu grad izjed minn li kien assigned. Wara l-elezzjoni ta' l-1987 kien mar Paul Abdilla bhala Chief Security Officer u sakemm gie trasferit Mount Carmel ix-xhud kien jiehu l-ordnijiet minn ghandu. Ma ftakarx fejn gie trasferit ir-rikorrent u qal li ma kienx jidhol fit-trasferimenti izda dawn kienu jsiru min-naha tal-Manager Human Resources li jircievu struzzjonijiet u jinfurmaw lill-impjegat li jkun se jigi trasferit. Qal li t-trasferiment tar-rikorrent sar xi xhur wara l-elezzjoni ta' l-1987. Mar-rikorrent gew trasferiti anki mpjegati ohra u gew replaced min-nies li ma kienux kapaci iktar minnhom anzi bicciet minnhom kienu illiterati. Ix-xhud kien tal-fehma li dawn il-persuni gew trasferiti minhabba l-fehma politika taghhom.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi r-rikorrent wara l-elezzjoni tal-1987 milli jaghmel xoghol ta' security l-Isptar gie trasferit biex jissorvelja l-kenniesa. It-tnejn jaqghu taht l-intimat. Jinghad li r-rikorrent jidher li dejjem ghamel xogholu kif suppost u ma rrizultawx ilmenti fuqu. Ma irrizultax la li hu talab transfer u lanqas xi hadd li kien direttament fuqu u lanqas li kien hemm xi ilmenti min-nies ta' madwaru fuq ix-xoghol. Kawza tat-transfer spicca biex tilef il-flus ta' allowances u meta mar jaghmel ix-xoghol ta' supervisor tal-kenniesa spicca biex ha infezzjoni u spicca l-isptar.

L-intimat prova jsostni li t-transfer sar minhabba l-esigenzi tas-servizz. Izda la l-intimat u lanqas hadd ma spjega fiex kienu jikkonsistu dawn l-esigenzi u anzi inghad li min gie minflok il-haddiema li kienu gew trasferiti kienu ta' livell aghar. Il-Professur Rizzo Naudi qal li d-Dipartiment tas-Sahha kien jaqa' tahtu bhala Ministeru bejn l-1992 u l-

1995 u kompla jghid li ghall-ewwel ma kienx ikollu partecipazzjoni meta jsiru trasferimenti u ma kienx ikun jaf dwarhom u li probabbilment din id-decizjoni kien jehodha l-head taghhom. Issa l-kap taghhom mhux biss ma qalx li ried it-transfer tar-rikorrent izda addirittura semma li lanqas biss jaf minn fejn gie t-transfer.

Fil-kawza fl-ismijiet “Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern” deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta’ April, 1998, intqal:

“L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista’ tuza’ bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita’ tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati” [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98].

Ma giet moghtija ebda raguni valida ghat-transfer. Ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f’dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf u hames mitt lira [LM1500].

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------